MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tal-11 ta' April, 2018**

Rikors Maħluf Numru: 23/18LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Renald Attard (K.I. numru 499684(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-9 ta' Jannar, 2018 mis-soċjetà attriċi **Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") li permezz tiegħu u għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat 2 ta' Ottubru, 2009 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilità bankarja lil Renald Attard;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Renald Attard fis-somma ta' disgħa u tletin elf, mija u tnejn u sittin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€39,162.25) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Renald Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-5 ta' Diċembru, 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Renald Attard:*

    *(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Renald Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;*

4. *Illi l-attriċi nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

5. *Illi l-konvenut Renald Attard ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 31 ta' Mejju, 2016, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "C", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid l-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u esebit bħala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Renald Attard (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Renald Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Renald Attard iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disgħa u tletin elf, mija u tnejn u sittin Euro u ħamsa u għoxrin (€39,162.25) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Renald Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2) flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-5 ta' Diċembru, 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 31 ta' Mejju, 2016 (Dok. "C") kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu, 2018 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenut **Renald Attard** (minn issa "l-konvenuti") kien debitament notifikat u li ma ppreżenta ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi, din il-Qorti ddikjarat li l-konvenut huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Semgħet ix-xhieda ta' **Roderick Abela**[1], Kap tad-Dipartiment tar-Recoveries tas-soċjetà attriċi li qal li l-konvenut għamel xi pagamenti akkont minn Frar li għadda u l-bilanċ attwali fil-21 ta' Marzu, 2018 kien ta' €39,071.69, u ċjoè €31,101.78 bħala kapital u €7,969.90 bħala imgħax.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2018[2] fejn is-soċjetà attriċi rriduċiet l-pretensjoni tagħha għas-somma ta' €39,071.69.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu, 2018 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

Jirriżulta mill-atti li s-soċjetà attriċi ppruvat l-pretensjonijiet tagħha kif dedotti fir-Rikors Maħluf tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tal-konvenut Renald Attard, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u esebit bħala Dok. "A")**

---
[1] *A fol.* 25 u 26.
[2] *A fol.* 32.

**partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjent f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u**

**2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disgħa u tletin elf, wieħed u sebgħin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€39,071.69) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut mas-soċjetà attriċi (Dok. "B1 sa B2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Marzu, 2018 sad-data tal-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 31 ta' Mejju, 2016 (Dok. "C") kontra l-konvenut.**

Moqrija.